32001R1037



# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1037/2001

## ta' t-22 ta' Mejju 2001

## li jawtorizza l-offerta u l-fornitura għall-konsum uman dirett ta' ċerti nbejjed importati li jistgħu jkunu għaddew minn proċessi enoloġiċi mhux provduti fir-Regolament (KE) Nru 1493/1999

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 45 [2] tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, li sostitwixxa r-Regolament (KEE) Nru 822/87(2), b'effett mill-1 ta' Awissu 2000, jistabbilixxi li derogi msemmija fil-paragrafu 1 għall-prodotti mportati għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 133 tat-Trattat.

(2) L-Artikolu 68(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jistabbilixxi li l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) u (b) ta' dak ir-Regolament jistgħu jiġu mportati biss jekk ikunu akkumpanjati b'ċertifikat bil-għan li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-produzzjoni, *marketing* u, fejn xieraq, fornitura għal konsum uman dirett f'pajjiżi terzi minn fejn joriġinaw.

(3) Ir-Regolament (KEE) Nru 1873/84 [3] jiprovdi għal deroga li tawtorizza l-importazzjoni fil-Komunità ta' nbejjed mill-Istati Uniti li għaddew minn ċertu proċessi enoloġiċi mhux provduti mir-regoli tal-Komunità. Għal ċerti proċessi enoloġiċi, din l-awtorizzazzjoni hija valida biss sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003.

(4) L-Artikolu 81 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 ħassar, b'effett mill-1 ta' Awissu 2000, numru ta' Regolamenti tal-Kunsill inkluż Regolament (KEE) Nru 1873/84. Madankollu, Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1608/2000 ta' l-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi miżuri transitorji kemm-il darba il-miżuri definittivi li jimplimentaw Regolament (KE) Nru 1493/1999 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid [4] jipprovdi li ċertu dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1873/84 għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġi addottat dan ir-Regolament mill-Kunsill, imma mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003.

(5) Negozjati jinsabu bħalissa għaddejjin bejn il-Komunità, rappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Istati Uniti ta' l-Amerika bil-għan li jiġi konkluż ftehim dwar in-negozju ta' l-inbid. Dawn jinvolvu partikolarment il-proċessi enoloġiċi rispettivi taż-żewġ partijiet, kif ukoll il-ħarsien ta' indikazzjonijiet ġeografiċi. Fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2000, il-Kunsill ta' l-Agrikoltura ħa nota tar-rapport tal-Kummissjoni fuq in-negozjati li hemm provdut għalihom fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1873/84 u kkonferma x-xewqa tiegħu sabiex ikompli għaddej bin-negozjati u li jfassal il-mod li għandu jiġi segwit minnhom.

(6) Bil-għan li jiġi żgurat il-progress bla xkiel ta' dawn in-negozjati, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1873/84 għandhom jiġu estiżi u l-proċessi enoloġiċi msemmija f'1(b) ta' l-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 1873/84 għandhom ikomplu jiġu awtoriżati fuq bażi transitorja sad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li jirriżulta min-negozjati, imma mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003, kif miftiehem mill-Kunsill fir-Regolament (KE) Nru 2839/98, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1873/84.

(7) Fid-dawl ta' żvillupi fil-qafas regolatorju u fil-proċessi enoloġiċi, aspetti tekniċi ta' l-Anness għandhom jiġu aġġornati sabiex isir konsistenti mar-regoli preżenti fis-seħħ f'dan is-settur,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Minkejja l-Artikolu 45(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1493/1999, għandu jkun permess li jiġu offruti jew fornuti għall-konsum uman dirett fil-Komunità prodotti li jaqgħu fil-Kodiċi NM 2204 10, 2204 21, 2204 29 u 2204 30 10 u miksub mill-għeneb maħsud u magħmul f'inbid fit-territorju ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li għalih, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Istati Uniti, wieħed jew aktar tal-proċessi enoloġiċi elenkati f'1(a) u (b) ta' l-Anness għal dan ir-Regolament setgħu ġew użati matul il-ħidma ta' manifattura jew ħażna.

---

[1] ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2826/2000 (ĠU L 328, tat-23.12.2000, p. 2).

[2] ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1.

[3] ĠU L 176, tat-3.7.1984, p. 6. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2839/1998 (ĠU L 354, tat-30.12.1998, p. 12).

[4] ĠU L 185, tal-25.7.2000, p. 24. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 491/2001 (ĠU L 71, tat-13.3.2001, p. 3).

Madankollu, din l-awtorizzazzjoni għandha tkun valida, fir-rigward tal-proċessi enoloġiċi elenkati f'1(b) ta' l-Anness, biss sad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li jirriżulta min-negozjati ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika bil-għan li jiġu konklużi ftehim fin-negozju ta' l-inbid li jikkonċerna, b'mod partikolari, proċessi enoloġiċi u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, imma mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003.

2. Stati Membri ma' jistgħux jipprojbixxu l-offerta jew il-forniment għal konsum uman dirett ta' l-inbid miksub mill-għeneb maħsud u magħmul inbid fit-territorju ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ f'dak il-pajjiz fuq il-bażi li wieħed jew aktar tal-proċessi enoloġiċi elenkati fi 2(a) u (b) ta' l-Anness setgħu ġew użati.

3. Inbejjed miksuba mill-għeneb maħsud u magħmul inbid fit-territorju ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li setgħu ġew suġġetti għaż-żieda taz-zokkor f'soluzzjoni akweja ma jistgħux jiġu offruti jew fornuti għall-konsum uman dirett fil-Komunità.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Mejju 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. WINBERG

*L-ANNESS*

1. **Proċessi Enoloġiċi permessi**

(a) *mingħajr ebda limitu ta' ħin:*

— katalase miksub minn Aspergillus niger,

— *glucose oxydase* miksub minn Aspergillus niger,

— ferrous sulphate,

— dqiq tas-soya;

(b) *sa' mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003:*

— dimethylpolysiloxane,

— polyoxyethylene-40-monostearate,

— sorbitan monostearate,

— fumaric acid,

— resini ta' l-*ion-exchange*,

— aċidu laktiku,

— malic acid.

2. **Proċessi oenoloġiċi li huma identiċi għal, jew komparabbli għal, dawk permessi fil-Komunità**

(a) *proċessi oenoloġiċi li huma identiċi:*

— akaċja (*gum arabic*),

— karbonju attivat,

— albumina tal-annimali (inklużi terra ovalbumina u soluzzjoni ovalbumina),

— ammonja fosfata (*dibasic*),

— ascorbic acid,

— bentonite (Wyoming clay),

— bentonite slurry,

— dijossidu karboniku,

— kasejn,

— aċidu ċitriku,

— arja kompressata (aerajazzjoni),

— sulfat tar-ram,

— terra diatomixxa,

— enżimi: pektolitiku, li jiġi minn Aspergillus niger,

— ġelatina li tittiekel,

— ġelatina slurry,

— isinglass,

— nitroġenu,

— potassa *bitartrate*,

— potassa *caseinate*,

— potassa *disulphite*,

— potassa *sorbate*,

— silika ġel (colloidal silicon dioxide -30 %),

— sorbic acid,

— tannin,

— tartaric acid,

— karbonat tal-kalċju, li possibilment ikun fih kwantitajiet żgħar ta' melħ tal-kalċju tartariku L (+) u aċidu maliku L (-),

— sulfat tal-kalċju, għal manifattura ta' l-imbejjed likuri,

— polyvinylpolypyrrolidone (PVPP),

— ossiġinu;

(b) *proċessi oenoloġiċi li huma komparabbli:*

— agar agar,

— ammonium carbonate,

— ammonium phosphate (monobasic),

— sufra granulari,

— trab tal-ħalib,

— biċċiet tal-oak u ċana, mhux maħruq u mhux trattat,

— karbonat tal-potassa,

— carageenan,

— ċellulasi miksub minn Aspergillus niger,

— ċellulosi,

— ħmira autolyzer,

— sustanzi magħmula minn potassa ferrocyanide u sulfat aqueous ferrous, possibilment kombinati ma' sulfat tar-ram u karbonju attivat.